# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IR-RABA' KTIEB TA' L-1930


## GĦADNA MEXJIN

Niżżu ħajr 'l Alla ! B'dan il-għadd ir-Rivista tagħna tagħlaq is-sitt sena ta' ħajjitha : għomor sabiħ għal rivista letterarja bil-malti, f'pajjiż ċkejken, fejn l-ebda oħra ta' suritha ma tawwlet qatt aktar minn sena jew tnejn.

Nafu li hawn x'jaqtagħlna qalbna. Il-bruda tal-ġens malti għal din ix-xejra ta' kitba, saħansitra f'dawk li jmisshom jagħirfu jduqu u jtihemu l-ħlewwa u l-benna ta' kelmitna, ma tfarraġniex; u meta tara ħerġin wieħed wara l-ieħor in-numri tar-Rivista, miktubin tajjeb, mimlijin b'tagħrif u bi ġrajja li jmissuna f'nisilna, f'pajjiżna, fi djarna, u ma tasallekx, ħlief fil-bogħod-il-bogħod, kelma ta' ħeġġa, kelma ta' għajnuna, tħossok waħdek, bħal min, fuq triqu, iħares ma' dwaru u ma jilmaħx ħlief xagħri. Iżda min-naħa l-oħra, il-feħma sħiħa, il-qawwa tar-rieda u s-sedqa fil-ħidma tal-ftit li ma naqsuna qatt, li ħadmulna dejjem materjal biex nimlew sabiħ kif jixraq it-tnejn-u-tletin faċċata ta' kull ktieb ta' "Il-Malti", u li jfittxu jdaħħlu oħrajn fil-ħidma fejjieda, dan, iva, iqawwilna qalbna biex ma niqfux, biex niġbru ħilitna u nagħmlu sidirna fit-telgħa, billi nafu li ma jasalx fuq il-quċċata ħlief min ma jħares qatt l-ura imħajjar min-nizla, u ma jwarrabx ħarstu minn fuq l-aħħar xifer tal-għolja.

Hemm xi ħaġa oħra li tqawwilna qalbna: u din il-ħaġa hi li l-bruda tal-kotra daqsxejn daqsxejn qegħda tonqos, u l-hawn u l-hinn tħoss l-ajru jiftel, u xi roqgħa xemx tinżel minn bejn is-sħab imqatta'. Iżjed minn wieħed li ma kienx jemmen fil-malti u ma kien fittex qatt li jagħraf x'isarraf u x'jiswa, imħajjar minn wieħed mill-imseħbin fil-*Għaqda*, ħa f'idejh ir-Rivista tagħna, fliha, fehemha, u l-lum ma jarax is-siegħa li jasallu l-aħħar ktieb ta' "Il-Malti" biex "jitgħaxxaq b'dik il-proża, xi drabi meqjusa u mimlija, xi drabi ħafifa u ġerrejja, li timla' kull għadd tar-Rivista, u jduq il-għasel tal-poeżija li żżejnu, li torqmu, li ssebbħu."

Imbagħad aħna nafu illi l-ġebla li fiha jgħidu li jitfixklu ħafna mill-qarrejja tal-malti hu *l-alfabett* tagħna; iżda nħossu wkoll illi dan l-alfabett, mibni fuq sisien tajba, imqiegħed mill-aħjar nies tas-sengħa mhux biss maltin iżda barranin ukoll, hu l-aħjar, l-isbaħ u l-eħfef li qatt tfassal għal-lsien tagħna: għaldaqshekk nobsru illi maż-żmien, meta tikber l-imħabba safja lejn il-lsien malti, għad jirtabu xi fehmiet, jitbiddlu xi xejriet ħżiena u jirbaħ il-għaqal u s-sewwa.